.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF:**

**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2002**

**Numru 18**

**Cit. Nru. 407/02(F1) GCD**

**Main Services Limited**

**Vs**

**Mark Rizzo**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut huwa debitur fl-ammont ta' ghaxart elef disa' liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm10,009.98) import ta' ghaxar kambjali accettati mill-intimat, skaduti u mhux imhallsa;

Illi avolja interpellat biex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef disa liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm10,009.98) import ta' ghaxar kambjali accettati mill-intimat skaduti u mhux imhallsa;

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Settembru 2000 u tat-2 ta' Ottubru 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Albert Galea u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti

taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm